

Brussell, 3 ta' Diċembru 2024
(OR. en)

14868/24

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0256(NLE)

TRANS 450
COWEB 165
ELARG 143

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport fir-rigward tal-adozzjoni tal-baġit tal-Komunità tat-Trasport għall-2025
----------	--

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/...

ta' ...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
fi ħdan il-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport
fir-rigward tal-adozzjoni tal-baġit tal-Komunità tat-Trasport għall-2025**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91 u l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport¹ (TCT) ġie approvat f'isem l-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/392² u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2019.
- (2) Skont l-Artikolu 35 tat-TCT, il-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport (il-“Kumitat tat-Tmexxija”) għandu jadotta l-baġit tal-Komunità tat-Trasport kull sena. L-Artikolu 35 tat-TCT jagħti wkoll is-setgħa lill-Kumitat tat-Tmexxija li jadotta deċiżjoni li tispeċifika l-proċedura għall-implimentazzjoni tal-baġit.
- (3) Il-Kumitat tat-Tmexxija għandu jadotta deċiżjoni dwar il-baġit tal-Komunità tat-Trasport għall-2025 waqt l-aħħar laqgħa tiegħu fl-2024.
- (4) Il-baġit propost tal-Komunità tat-Trasport għall-2025 huwa meħtieġ għall-funzjonament xieraq tal-korpi tal-Komunità tat-Trasport. Dan ikopri l-kostijiet tar-riżorsi umani, l-ivvjaġġar, it-tagħmir u s-software tal-IT, kif ukoll in-nefqa operazzjonali bħal għall-istudji, il-bini tal-kapaċitajiet, l-assistenza teknika u l-organizzazzjoni ta' konferenzi u laqgħat.

¹ ĠU L 278, 27.10.2017, p. 3.

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/392 tal-4 ta' Marzu 2019 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport (ĠU L 71, 13.3.2019, p. 1).

- (5) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat tat-Tmexxija fir-rigward tad-deċiżjoni dwar l-adozzjoni tal-baġit tal-Komunità tat-Trasport għall-2025, peress li dik id-deċiżjoni, li hija meħtieġa għall-funzjonament tajjeb tas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport, ser tkun vinkolanti għall-Unjoni.
- (6) Għalhekk jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat ta' Tmexxija tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni meħmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport fir-rigward tal-adozzjoni tal-baġit tal-Komunità tat-Trasport għall-2025 għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-deċiżjoni ta' dak il-Kumitat meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
